# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt


19 ta' Mejju, 2010

## Minuti tal-laqgha 43(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 43(05) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju, 2010 fil-5:30 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera u s-Sur Ivan Peresso – Kunsillier.

Is-Sinjura Miriam Grech - Kunsilliera kienet skuzata peress li kienet ma tiflahx.

Is-Sindku qal li din il-laqgha kellha ssir nhar l-Erbgha 12 ta' Mejju, 2010, izda peress li s-Segretarja Ezekuttiva kienet ma tiflahx, saret illum it-Tnejn 17 ta' Mejju, 2010

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 1.2(42/05) Skema tax-xoghol fil-komunita mahruga mill-ETC.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie assenjat zewg (2) haddiema taht din l-iskema mahruga mill-ETC u mhux tlieta (3) kif kienu nfurmati fil-laqgha precedenti.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.2 Item 1.4(42/05) Taghrif dwar l-attivita ta' Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha.

Is-Sindku, s-sur John Boxall, ipprezenta rendikont ta' l-attivita ta' Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha. Is-Sindku qal li l-ispejjez totali ghal din l-attivita' telghu ghal €4,030.35 izda l-Kunsill ircieva €4,000 bhala donazzjonijiet ghal dan il-festival. Ghaldaqstant ghal dan il-festival il-Kunsill nefaq biss €30.35.

1.3 Item 1.5(42/05) Harga Kulturali ghal Ghawdex.

Il-Kunsilliera Judith Saliba qalet li ghal din l-attivita kien hemm attendenza tajba hafna, fejn ghaliha attendew 152 ruh.

1.4 Item 2.1(42/05) Il-progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea "I AM – International Arts Map".

Is-Sindku qal li l-'lead partner' ta' dan il-progett, il-Belt ta' Cosenza fl-Italja, infurmat lill-Kunsill li dan il-progett ser jigi sottomess aktar 'il quddiem. Barra minn hekk, huwa mahsub li ghal dan il-progett, il-Kunsill irid idahhal shab mieghu grupp teatrali mil-lokalita, izda, l-'lead partner', aktar 'il quddiem ser jibghat l-informazzjoni kollha mehtiega.

1.5 Item 2.8(42/05) Impjieg fuq bazi 'part-time' biex tiehu hsieb il-progetti tal-Unjoni Ewropea.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva risposta negattiva min-naha tas-Sur James Catania, Assistent Direttur fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, ghat-talba tal-Kunsill ghall-approvazzjoni ghall-impjieg u finanzjament ta' persuna impjegata fuq bazi 'part-time' biex tiehu hsieb il-progetti ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Sindku qal li din l-ittra giet mibghuta ukoll lill-Onorevoli Chris Said, Segretarju Parlamentari, fejn intalbet l-ghajnuna tieghu fuq din il-materja. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu insistew sabiex ikollhom persuna impjegata fuq din il-materja, izda minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja, din ma tistax issehh.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju, rapprezentanti tal-"Commonwealth Local Government Forum" ser izuru l-Birgu fid-9 ta' filghodu, u ghaldaqstant important li jkunu prezenti.

2.2 Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera li l-iskola tal-Fortini, fi hdan il-Kullegg Santa Margerita ser terga' torganizza l-"51 siegha ta' Pool Marathon" bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, b'risq l-organizazzjoni "Tghannieqa" bejn it-28 u t-30 ta' Mejju, 2010. Hawnhekk, is-Sindku ta rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghal din l-attivita u ghaldaqstant ipprezenta kwotazzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill

ghall-uzu ta' 'PA system' minghand il-kumpanija "Sound Solutions" ghal prezz ta' €295. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu approvaw din il-kwotazzjoni.

2.3 Is- Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-progett "Sea to Land" iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea gie approvat. Is-Sindku zied jghid li l-*lead partner* ta' dan il-progett hija l-Belt ta' Seville fi Spanja, u l-membri l-ohra msiehba f'dan il-progett huma l-"Fondation Institut Portuaire Etudes & Cooperation de la Communate de Valence" (FEPORTS), La Spezia, u Livorno fl-Italja, Fondazzjoni Temi Zammit, l-"Autorite Portuaire du Piraeus", gewwa Attiki fil-Grecja u l-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sur Boxall, Sindku, qal li l-budget li hu ntitolat ghalih il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal dan il-progett ser ikun ta' €136,000, fejn il-ko-finanzjament min-naha ta' l-istess Kunsill huwa ta' 15% jigifieri ta' €20,400.

2.4 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta proposta mill-Kumpanija SIGMA Consultants, ghan-nom tal-Belt ta' Eleftherio-Kordelio, fil-Grecja, sabiex il-Kunsill jissieheb fil-progett "Providing delivery mechanisms for imporving energy efficiency in non residential buildings" taht il-proposta "Intelligent Energy Europe 2010". Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex l-Kunsill japplika ghal dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sindku pprezenta email mis-Sur Frank Micallef, fejn ippropona sabiex fil-Birgu jigi organizzat "outdoor cinema". Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u ghaldaqstant tintalab sabiex issir laqgha mas-Sur Micallef, biex tigi diskussa f'aktar dettal din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Ittra minghand s-Sur Lorenzo Zahra, Segretarju tas-Socjeta Storika u Kulturali – Vittoriosa, fejn issuggerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jibni sezzjoni ta' kotba fil-librerija regjonali li tinsab fil-Berga ta' l-Ingilterra, riservata ghall-pubblikazzjonijiet ta' l-awtur famuz mill-Birgu, s-Sur Joseph Attard. Wara diskussjoni, is-Sindku ssuggerixxa wkoll sabiex jinxtraw aktar pubbikazzjonijiet ta'l-istess awtur sabiex jikkumplimentaw lil dawk li diga' ghandna. Dwar dan is-suggeriment kien hemm qbil unanimu.

2.7 Proposta minghand is-Sinjorina Nadia Mifsud, fejn issuggerit li matul ix-xhur tas-Sajf, il-Kunsill Lokali tal-Birgu jorganizza sessjonijiet ta' qari fil-Librerija Regjonali ta' stejjer ghat-tfal ta' bejn it-3 u l-5 snin u ghal trabi u tfal ta' bejn is-sitt xhur u tliet snin. Is-Sinjorina Mifsud infurmat lill-Kunsill li dan il-progett diga' sar gewwa Franza u kien ta' success. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu sabiex japprovaw din il-proposta.

2.8 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta proposta mill-kumpanija Park Well Ltd., fejn issuggerew sabiex l-area maghrufa bhala "il-Glaziz", tigi zviluppata f'parkegg. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghad-devoluzzjoni ta' din l-area. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva u l-Arcipriet, attendew ghal-laqgha mas-Sinjorina Maria Schembri fi hdan il-MEUSAC, fejn l-istess Kunsill gie nfurmat li fil-gimghat li gejjin, ser tinhareg sejha ghall-progetti taht l-iskema "ERDF – Sustainable Energy", ghall-progetti dwar sistemi ta' energiji sostenibbli. Fil-fatt, il-Kunsill Lokali tal-Birgu, beda l-preparamenti mehtiega sabiex japplika ghall-progett taht din is-sejha biex tigi nstallata sistema ta' "photovoltaic cells" fuq il-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz, il-Knisja tal-Lunzjata, l-Knisja ta' Santa Skolastika, l-Oratorju ta' San Guzepp, l-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani u l-Kunvent tas-Sorijiet tal-Klawsura fejn huwa ser ikun bhala il-'lead partner' ta' dan il-progett. Dwar din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju, 2010, fil-5 ta' filghaxija gewwa l-Kunsill Lokali tal-Mosta, ser tigi mnedija ufficjalment l-iskema ta' ghajnuna finanzjarja ghall-korsijiet 'Lifelong Learning', fejn ghal din il-laqgha ser jattendu l-Vici Sindku s-Sur Christopher Cassar u l-Kunsilliera s-Sinjura Judith Saliba.

2.11 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lill-Kunsilliera, li bhalissa ghaddejjin d-diskussjonijiet ma' l-Onorevoli Magistrat Antonio Mizzi, President tal-Malta Basketball Association, kif ukoll mal-Principal tal-Kullegg Santa Margerita, s-Sur Stephen Cachia, sabiex jigi nstallat pitch tal-basketball fl-Iskola Primarja Santu Rokku, biswit il-UEFA minipitch tal-football li l-Kunsill bl-ghajnuna tal-MFA ghamel madwar sena ilu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Ittra minghand is-Sur Martin Bugelli, Direttur Generali ghall-Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, fejn informa lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li l-applikazjoni ta' l-istess Kunsill ghal Memo 18/2010 – Skema ta' finanzjament ghal lokalitajiet sostenibbli ma gietx maghzula.

2.13 Ittra minghand is-Sur Joseph Zammit, fejn ghan-nom ta' l-Ghaqda Muzikali San Guzepp, talab il-permess sabiex jinharqu xi kaxxi infernali waqt il-festa ta' San Guzepp tal-Kalkara, mill-post maghruf bhala x-Xewkija, fil-konfini tal-Birgu ezattament nhar il-Hamis 15 ta' Lulju, is-Sibt 17 ta' Lulju u l-Hadd 18 ta' Lulju, 2010. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jinforma lil din l-ghaqda li lest li jaghti l-permess ghal gurnata biss, peress li dan is-sit huwa wiehed frekwentat mir-residenti tal-Birgu specjalment fix-xhur tas-Sajf u din iz-zona ma tistax tinghalaq kompletament ghal tlett ijiem shah waqt il-hinijiet ta' filghaxija. Dan minhabba l-fatt li barra din iz-zona hija frekwentata hafna minn nies tal-lokal jaffettwa ferm hazin lill-kummerc ta' din iz-zona. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Is-Sindku ta rendikont tal-konferenza "CEN Workshop no. 57" tal-progett "Qualicities", li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva attendew ghaliha gewwa Brussels il-Belgjum.

2.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Sinjur Remco Slik u s-Sinjura tieghu, is-sidien tal-"Boutique Hotel - Palazzo Vittoriosa", offrew donazzjoni lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex fix-xhur tas-Sajf jigi organizzat kors tal-kompjuter "e-tfal" ghat-tfal kollha tal-Birgu ta' bejn l-eta' ta'5 u 10 snin. Il-Kunsill wera l-apprezament tieghu ghall-ghajnuna offruta mill-

familja Slik u ta l-approvazzjoni tieghu ghal dan il-progett. Il-koppja Slik offriet ukoll li waqt il-hin tar-rikreazzjoni matul dan il-kors, it-tfal jinghatalom ukoll 'healthy food' per ezempju tuffieh, laring u frott iehor.

2.16 Is-Sindku pprezenta email mibghuta mis-Sinjura Amandine Leopold, Segretarja ta' l-Assoccjazzjoni AVEC, fejn issuggeriet sabiex il-Kunsil Lokali tal-Birgu jissieheb fil-progett "Europe Discovery", fi hdan il-programm iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, "ICT PST". Is-Sindku zied jghid li l-ko-finanzjament ta' dan il-progett huwa ta' 50% u ghaldaqstant is-Sinjorina Leopold, issuggeriet sabiex il-Kunsill jissieheb f'dan il-progett ma' l-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu. Filfatt il-Kunsill Lokali tal-Birgu baghat korrispondenza lis-Sur Josef Formosa Gauci, Chief Executive Officer tal-Awtorita Maltija ghat-Turizmu, dwar dan il-progett u sal-lum ghadu ma rcieva l-ebda risposta min-naha tal-imsemmija Awtorita.

2.17 Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-istess Kunsill, qed jahdem mal-Kumpanija Future Focus, sabiex isir gemellagg mal-Belt ta' Axios, fil-Grecja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.18 Is-Sur Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera li huwa kellhu laqgha mas-Sinjura Reem Chalabi, ko-ordinatrici tal-programmi tal-Fondazzjoni Tyr, fejn issuggeriet sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jissieheb f'din l-Assocjazzjoni. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jidhol membru f'din l-Assocjazzjoni, l-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Barra minn hekk, is-Sindku qal li din is-sinjura nfurmat lill-Kunsill li bejn is-26 ta' Gunju u d-9 ta' Lulju, 2010, ser issir tellieqa ta' yachts "Trophee Bailli de suffren" u fl-okkazzjoni ta' din it-tellieqa li ser tasal fi tmiemha propju f'Malta. F'wahda mill-granet li jkunu f'pajjizna jaghmlu zjara fil-Birgu, xtaqu li jsir riceviment f'Couvre Porte. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. <u>Hrug ta' applikazzjoni ghal impjieg ta' handyman part-time, mal-Kunsill Lokali tal-Birgu</u>

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ssuggerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu johrog sejha ghal impjieg ta' 'handyman' fuq bazi 'part-time' mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4. <u>Harga Kulturali – "Gozo by Night"</u>

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, issuggerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jorganizza Harga Kulturali – "Gozo by Night". Il-Kunsilliera Judith Saliba ssuggeriet sabiex din l-attivita ssir il-Gimgha 16 ta' Lulju, 2010, fejn il-grupp jitlaq mill-Birgu fl-4 ta' filghaxija, u naslu lura fil-11 ta' filghaxija. Is-Sinjura Saliba ssuggeriet sabiex il-Kunsill jorganizza ikla l-"Cottage of Traditional Food" u l-prezz ghal din l-attivita jkun ta' €18 kollox inkluz barra l-biljett tal-vapur. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex jigi ffurmat grupp ta' nies, bhala sotto-kumitat, li jkunu responsabbli biex jghinu fl-organizazzjoni ta' din l-attivita. bDwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5. L-attivita tal-BirguFest 2010.

Is-Sur John Boxall, Sindku, ta rendikont tal-preparamenti li qed isiru inkonessjoni ma' l-attivita tal-BirguFest 2010. Barra minn hekk, ipprezenta ghall-approvazzjoni u l-opinjoni tal-Kunsill, d-*design* ghall-logo ta' din l-attivita, liema logo, ser jintuza bhala 'trademark' ghal din l-attivita. Is-Sindku zied jghid li sabiex din l-attivita tiddahhal fil-Guinness Book of Records, il-Kunsill Lokali tal-Birgu irid ihallas l-ammont ta' €2,425 u l-istess Kunsill ikollu d-dritt li juza il-logo ta' din l-entita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 6. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ghas-sena 2009.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju gha-sena 2009, kif gie emendat mill-Awdituri tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, il-kumpanija 3A Accountants. Is-Segretarja Ezekuttiva tat spjegazzjoni ta' dan ir-rapport. Wara diskussjoni, is-Sindku, s-Sur John Boxall, issuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova dan ir-Rapport Finanzjarju, il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7. Zviluppi dwar xoghlijiet fil-Berga ta' Franza.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ta rendikont tax-xoghlijiet li qed isiru fil-Berga ta' Franza u pprezenta rendikont ta' l-ispejjez ta' manutenzjoni li jridu jsiru u ta' dawk li diga'saru, sabiex il-Kunsill jiftah l-Ufficini Amministrattivi tieghu f'dan il-post. Is-Sindku, pprezenta tliet kwotazzjonijiet ghall-bieb ta' l-injam sabiex isir bejn l-ufficini ta'l-iskrivani u l-kitchenette. Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni mill-kumpanija Fava Woodworks Ltd ghal prezz ta' €797.11, ohra minghand is-Sur Sandro Fava, ghal prezz ta' €879.57, kif ukoll, kwotazzjoni ohra minghand il-kumpanija Woodline Carpentry and Joinery ghal prezz ta' €962.03. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill imur ghall-irhas offerta, dik tal-Kumpanija Fava Woodworks Ltd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Barra minn hekk is-Sindku pprezenta ukoll kwotazzjonijiet ghas-sistema ta' PABX ghall-Berga ta' Franza, li kienu mill-kumpanija Pace Associates Ltd. ghal prezz ta'' €1,599.78, kwotazzjoni mill-kumpanija KWK Services Ltd, ghal prezz ta' €2,409.50 u kwotazzjoni ohra mill-kumpanija F.S. Com ghal prezz ta' €4,000. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta dik tal-kumpanija Pace Associates Ltd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. Caqlieq tal-Berga tal-Gvern ghas-sular terran tal-Berga ta’ l-Ingilterra.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li d-direttur tad-Dipartiment tas-Sahha, ta l-approvazzjoni tieghu sabiex il-Berga tas-Sahha tal-Birgu, tigi spustjata minn fejn tinsab illum fi Triq it-Torri ta’ San Gwann ghall-Berga ta’ l-Ingilterra fi Triq il-Majjistral, fejn id-Dipartiment ser jipprovdi kollox hu, kif ukoll ser jinstalla antiporta gdida bejn id-dahla tal-Berga ta’ l-Ingilterra u l-bitha.

## 9. Affarijiet Ohra.

9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li nhar il-Hamis 13 ta’ Mejju, 2010, l-Ambaxxatur ghal Franza, l-Eccellenza Tieghu s-Sur Daniel Rondeau ghamel zjara ta’ kortesija fil-Berga ta’ Franza. Is-Sindku zied jghid li l-Eccellenza Tieghu Daniel Rondeau irringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-Birgu talli għoġbu jistiednu u jilqgħu fil-Berġa ta' Franza u stqarr li ser jagħmel l-almu tiegħu sabiex il-Kunsill jingħata l-għajnuna meħtieġa mill-Kavallieri Franċiżi msieħba fl-Ordni Sovrana tal-Kavallieri ta' San Ġwann ta' Malta sabiex din il-binja ta' storja w importanza kbira mhux għall-Birgu biss imma għall-gżejjer Maltin terġa' tingħata lura d-dinjita li jixraqilha.

Il-laqgha ntemmet fil-7:45 ta’ filghaxija u gie deciz li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 9 ta’ Gunju 2010 fis-6 ta’ filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |